Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Frar 2023
(OR. en)

6253/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0027(CNS)**

JUSTCIV 21
AL 2
JAIEX 8
JAI 134

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Frar 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 64 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 64 final.

Mehmuż: COM(2023) 64 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.2.2023
COM(2023) 64 final

2023/0027 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-iżvilupp kontinwu tal-acquis tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali għandu konsegwenzi wkoll fuq il-pjan internazzjonali, u parti kbira minn dawn il-kwistjonijiet issa jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Ir-regoli tal-UE jistgħu tabilħaqq jiġu affettwati jew mmodifikati minħabba impenji internazzjonali fejn tali impenji jikkonċernaw qasam li huwa diġà kopert fil-biċċa l-kbira minn tali regoli[1]. F'dan il-kuntest, in-negozjar ta' ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi ġie limitat għall-possibbiltajiet offruti mill-mekkaniżmu speċjali previst mir-Regolament (KE) Nru 662/2009[2], mir-Regolament tal-Kunsill 664/2009[3] u mill-Artikolu 351 TFUE.

Permezz ta' note verbale datata s-26 ta' Lulju 2016, l-Ambaxxata tal-Alġerija fi Franza kkuntattjat lil din tal-aħħar u pproponiet il-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bilaterali ġdid rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. L-għan kien li t-tliet strumenti diġà eżistenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn Franza u l-Alġerija konklużi fl-1962, fl-1964 u fl-1980 jiġu mmodernizzati u kkonsolidati fi strument wieħed.

Permezz ta' ittra datata t-8 ta' Diċembru 2016, Franza avviċinat lill-Kummissjoni biex titlob awtorizzazzjoni biex tinnegozja u tikkonkludi ftehim bilaterali mal-Alġerija f'materji ċivili u kummerċjali. Ġie miżjud li l-inklużjoni ta' materji tal-familja fil-ftehim kienet għadha ma ġietx deċiża. Ġie pprovdut abbozz ta' ftehim, li kien jinkludi *inter alia* dispożizzjonijiet dwar in-notifika ta' dokumenti, il-ġbir ta' provi, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet, u l-għajnuna legali. Franza rrikonoxxiet li mill-inqas xi dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim ikunu jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE.

Franza spjegat li l-istrumenti l-antiki fis-seħħ ma kinux għadhom kapaċi jindirizzaw b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni bilaterali mill-qrib ħafna bejn Franza u l-Alġerija u kien hemm ħtieġa ġenerali li d-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu allinjati mal-istandards tal-UE dwar l-istess materji. Pereżempju, ma kienx possibbli li d-dokumenti jiġu nnotifikati bil-posta rreġistrata jew b'mezzi elettroniċi. Fil-kuntest tal-ġbir tal-provi, l-użu ta' kollegament bil-vidjow ma kienx permess.

Madankollu, filwaqt li rrikonoxxiet ir-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-Alġerija, il-Kummissjoni rrimarkat li, fil-kooperazzjoni ġudizzjarja tagħha ma' Stati terzi, l-UE tiddependi b'mod wiesa' fuq il-qafas multilaterali eżistenti, bħal dak maħluq mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

---

[1] Pereżempju, l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-punt 73.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 662/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali, *ĠU L 200, 31.7.2009, p. 25-30*

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'materji matrimonjali, materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri u materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli f'materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, *ĠU L 200, 31.7.2009, p. 46-51*

(HCCH, Hague Conference on Private International Law). Dan jiżgura li l-istess qafas legali japplika għal għadd kbir ta' Stati bi sfondi legali differenti u joffri benefiċċji konsiderevoli. Għalhekk, l-UE tippromwovi l-adeżjoni tal-Istati sħab tagħha — b'mod partikolari, il-pajjiżi Mediterranji bħall-Alġerija — mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, li ħafna minnhom tfasslu mill-HCCH.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan l-isfond, l-awtorizzazzjoni lil Stat Membru biex jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-ġustizzja ċivili li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 662/2009 u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009 ma tkunx konformi mal-politika tal-UE f'dan il-qasam.

Wara skambju ulterjuri ta' ittri, il-kwistjoni ma baqgħetx titressaq għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, sa Novembru 2019. Il-problema pendenti ġiet diskussa fil-fond diversi drabi, kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku. Matul dawn il-laqgħat, ġie ċċarat minn Franza li d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim jitqiesu li jiġu applikati wkoll f'materji tal-liġi tal-familja, minkejja n-nuqqas ta' referenza espliċita għalihom fit-test. F'Lulju 2020 intbagħat abbozz ta' ftehim kemxejn emendat lill-Kummissjoni. Permezz ta' nota datata d-9 ta' April 2021 (li waslet għand il-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2021), Franza ċċarat iktar il-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' ftehim u pprovdiet verżjoni ġdida li fiha d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċitar tal-professjoni legali tneħħew mit-test.

Franza spjegat li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet, in-notifika ta' dokumenti u l-ġbir ta' provi għandhom jiġu applikati wkoll għal materji li jikkonċernaw il-liġi tal-familja, b'mod partikolari d-divorzju, is-separazzjoni u l-annullament taż-żwieġ, ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-ħtif ta' minuri, l-obbligi ta' manteniment, id-drittijiet tal-proprjetà matrimonjali u s-sħubijiet reġistrati. Ir-rikonoxximent tad-divorzju kunsenswali kien ta' importanza partikolari għal Franza. Franza assigurat lill-Kummissjoni li l-użu estensiv tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku mill-ġudikatura Franċiża meta tittratta d-deċiżjonijiet Alġerini huwa garanzija tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni tat-tfal.

Franza kkomunikat ukoll lill-Kummissjoni l-iktar *data* reċenti disponibbli rigward ir-relazzjoni mill-qrib tagħha mal-Alġerija. Fl-2021, kien hemm 611 084 ċittadin Alġerin maġġorenni li jgħixu fi Franza, u b'hekk huma l-ewwel komunità barranija. Dan in-numru ma jinkludix minorenni, binazzjonali jew persuni li jirrisjedu illegalment fi Franza. Daqs 31 980 ċittadin Franċiż huma attwalment residenti fl-Alġerija, skont id-*data* inkluża fir-reġistri taċ-ċittadini Franċiżi li jgħixu barra mill-pajjiż. Mil-lat ekonomiku u kummerċjali, Franza hija t-tieni sieħeb kummerċjali tal-Alġerija u l-ewwel investitur barra mis-settur tal-idrokarburi.

Filwaqt li qieset id-*data* l-ġdida pprovduta minn Franza, u l-ispjegazzjonijiet mogħtija matul diversi laqgħat tekniċi, li saru fil-perjodu 2019-2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tivvaluta s-sitwazzjoni mill-ġdid.

Kien evidenti li l-adeżjoni tal-Alġerija mal-Konvenzjonijiet ewlenin żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat ma kinitx se sseħħ fil-futur qarib. Dan ġie ċċarat mill-Alġerija permezz ta' note verbale tal-14 ta' Frar 2021 indirizzata lil Franza u li ntbagħtet minn Franza lill-Kummissjoni.

Fil-fatt, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni (Sottokumitati perjodiċi tal-JLS mal-Alġerija, li fihom il-kwistjoni tal-adeżjoni tal-Alġerija mal-Konvenzjonijiet tal-Aja tqajmet b'mod

kostanti; il-parteċipazzjoni tal-Alġerija fl-edizzjonijiet kollha tal-Programm Ewro-Mediterranju dwar il-Ġustizzja ffinanzjat mill-Kummissjoni) u tal-HCCH (il-parteċipazzjoni fil-"Proċess ta' Malta" mibdi mill-HCCH, fejn ġew spjegati l-vantaġġi tal-adeżjoni mal-qafas multilaterali), l-Alġerija dejjem irrifjutat li timpenja ruħha b'mod kostruttiv mingħajr ma elaborat ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata din l-għażla.

Min-naħa l-oħra, ftehim bejn l-UE u l-Alġerija relatat mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili mhuwiex ippjanat mill-Kummissjoni. Il-politika tal-UE dwar din il-materja hija bbażata fuq il-multilateraliżmu, għaldaqstant l-adeżjoni ta' Stati terzi mal-qafas multilaterali żviluppat mill-HCCH minnha nnifisha kieku toħloq qafas legali komuni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Alġerija min-naħa l-oħra. Ftehimiet bilaterali bejn l-UE u pajjiż terz, anke meta l-pajjiż terz jirrifjuta b'mod konsistenti li jaderixxi mal-Konvenzjonijiet tal-HCCH, jistgħu jiġu kkontemplati biss fejn ikun jista' jiġi identifikat interess tal-Unjoni li jkun b'saħħtu biżżejjed abbażi tar-rilevanza sostanzjali tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' dan il-pajjiż fl-Istati Membri kollha u mhux biss għal Stat Membru individwali. Dan mhux il-każ hawnhekk.

Barra minn hekk, kif spjegat f'iktar dettall fil-kapitolu li jmiss, la l-possibbiltà offruta mill-Artikolu 351 TFUE u lanqas awtorizzazzjoni skont ir-Regolamenti 662 u 664/2009 ma kienu applikabbli f'dan il-każ.

Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li tista' tiġi kkunsidrata awtorizzazzjoni *ad hoc* lil Franza skont l-Artikolu 2 TFUE. Franza tista' tkun awtorizzata tinnegozja (u fi stadju iktar 'il quddiem tikkonkludi) ftehim bilaterali mal-Alġerija f'materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, wara li tkun ikkunsidrat ir-rabtiet eċċezzjonali li jorbtu lil dawn iż-żewġ pajjiżi, dment li dan ma jkunx jikkostitwixxi ostaklu għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni.

Huwa mifhum li l-multilateraliżmu jibqa' pedament tal-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali u li din l-awtorizzazzjoni għan-negozjar, jekk tingħata mill-Kunsill, għandha titqies bħala eċċezzjonali u bl-ebda mod ma għandha titqies bħala preċedent. Is-sempliċi rifjut ta' Stat terz li jaderixxi mal-Konvenzjonijiet tal-HCCH ma għandux jitqies bħala l-uniku prerekwiżit biex tingħata awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2(1) TFUE, iżda evidenza tas-sitwazzjoni eċċezzjonali tar-relazzjoni ta' Stat Membru ma' pajjiż terz partikolari għandha tintwera kif xieraq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

In-negozjar mill-ġdid ta' ftehimiet bilaterali eżistenti f'materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE huwa permess, skont l-Artikolu 351 TFUE, lill-Istati aderenti mal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi eliminata kwalunkwe inkompatibbiltà bejn l-acquis tal-UE u l-ftehimiet internazzjonali konklużi minn dawk l-Istati Membri u pajjiżi terzi qabel id-data tal-adeżjoni tagħhom. Diversi Stati Membri diġà ħadu vantaġġ minn dan l-Artikolu sabiex jaġġornaw il-ftehimiet ta' assistenza legali li jikkonċernaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali ma' pajjiżi terzi u l-Kummissjoni nżammet infurmata dwar dan il-proċess. Madankollu, il-formulazzjoni tal-Artikolu 351 TFUE ma tippermettix lill-Istati Membri fundaturi tal-Komunità Ekonomika Ewropea jaġġornaw il-ftehimiet konklużi wara l-1 ta' Jannar 1958. Għalhekk, il-possibbiltà li jiġu nnegozjati ftehimiet bilaterali mill-ġdid ma'

pajjiżi terzi sabiex jiġu allinjati mal-acquis hija prekluża għal dawk l-Istati Membri, inkluża Franza, li l-ftehimiet tagħha għan-negozjar mill-ġdid imorru lura għall-1962, l-1964 u l-1980[4].

Din is-sitwazzjoni ġiet pjuttost mitigata bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 662/2009 u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009, li, bħala eċċezzjoni u taħt kundizzjonijiet stretti, jippermettu lill-Istati Membri jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet internazzjonali f'ċerti materji ta' kompetenza esklużiva tal-UE. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ Regolamenti huwa strett ħafna u ma jistax ikopri d-diversi materji ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija. Ir-Regolamenti huma tabilħaqq ta' natura eċċezzjonali u għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv.

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 2, il-paragrafu 1 TFUE jaqra: *"Meta t-Trattati jagħtu kompetenza esklużiva lill-Unjoni f'qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni jew sabiex jimplimentaw l-atti tal-Unjoni".*

Kif imfakkar hawn fuq, din id-dispożizzjoni tista' tintuża biex Franza tingħata s-setgħa tiftaħ negozjati mal-Alġerija. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar il-futur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili[5] huma miftuħa għal din il-possibbiltà, filwaqt li jfakkru *"li approċċ multilaterali huwa element essenzjali tal-kooperazzjoni internazzjonali anki fil-qasam tal-ġustizzja ċivili (...) Għal każijiet partikolari fejn il-kooperazzjoni multilaterali mhijiex alternattiva, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta alternattivi effettivi biex jinqdew il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tal-kumpaniji".*

Peress li l-ftehim futur se jkun ispirat mill-acquis tal-UE u mill-Konvenzjonijiet tal-HCCH, in-negozjati relatati jistgħu jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni mal-Alġerija dwar il-vantaġġi li tista' toffri l-adeżjoni mal-qafas multilaterali

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-Alġerija hija sieħba importanti ħafna għall-Ewropa, minħabba l-prossimità u d-daqs tagħha, ir-rwol stabbilizzanti tagħha fir-reġjun u fil-kontinent Afrikan, u fuq kollox minħabba r-rabtiet mill-qrib li ilhom jagħqdu lill-Istati Membri tal-UE mal-Alġerija.

L-Unjoni Ewropea tikkoopera mal-Alġerija fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u d-dimensjoni tan-Nofsinhar tagħha, is-"Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda ġdida għall-Mediterran"[6]. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Alġerija huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li daħal fis-seħħ fl-2005. Dan jikkostitwixxi l-qafas legali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet f'materji ekonomiċi, kummerċjali, politiċi, soċjali u kulturali. Dan ippermetta tqarrib bejn l-Alġerija u l-UE permezz ta' kooperazzjoni teknika mill-qrib fuq id-diversi assi tal-ftehim.

L-Artikolu 85 dwar il-kooperazzjoni legali u ġudizzjarja jagħmel referenza, b'rabta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, għat-tisħiħ tal-assistenza reċiproka fir-rigward tal-

---

4 Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 351 TFUE, ara l-Kawża C-435/22 PPU, il-punti 115-126, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:62022CJ0435

5 ĠU C 419, 12.12.2019

6 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar, Aġenda Ġdida għall-Mediterran, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021JC0002&qid=1674163886380&from=EN

kooperazzjoni fit-trattament ta' tilwim jew każijiet ta' natura ċivili, kummerċjali jew tal-familja. Tali kooperazzjoni jaf tkun tinkludi, fejn xieraq, in-negozjar ta' ftehimiet.

Il-possibbiltà li l-Istati Membri jerġgħu jinnegozjaw ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi hija permessa f'oqsma oħra tal-politiki tal-UE, permezz ta' mekkaniżmu speċifiku jew permezz ta' setgħa mogħtija skont l-Artikolu 2(1) TFUE, l-aktar f'materji tekniċi relatati mat-trasport. Pereżempju, ir-Regolament (KE) 847/2004[7] jistabbilixxi linji gwida għall-adattament mill-Istati Membri ta' ftehim bilaterali eżistenti ta' servizz tal-ajru u kriterji għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali futuri bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi; stabbilixxa wkoll proċedura speċifika għall-awtorizzazzjoni.

Reċentement, il-proċedura tal-għoti ta' setgħa skont l-Artikolu 2(1) TFUE ntużat f'materji tat-trasport, pereżempju fil-kuntest ta' ftehim bejn l-Italja u l-Iżvizzera[8] u ieħor bejn il-Ġermanja u l-Iżvizzera[9].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikoli 2(1) TFUE u 81(3) TFUE, peress li din il-proposta hija maħsuba biex tindirizza d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija li jirreferu għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji relatati mal-liġi tal-familja, bl-esklużjoni ta' materji ċivili u kummerċjali, li huma kkunsidrati f'inizjattiva parallela.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Mhux applikabbli peress li l-proposta taqa' fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

### • Proporzjonalità

L-objettiv tal-proposta hu li tawtorizza, skont l-Artikolu 2(1) TFUE, in-negozjar ta' ftehim bilaterali bejn Franza u l-Alġerija dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja, li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE. Konsegwentement, id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv.

Kif spjegat hawn fuq, l-unika opzjoni f'konformità mal-qafas legali disponibbli u mal-politika tal-UE fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, li hija bbażata fuq il-

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 847/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehim tas-servizzi tal-ajru bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, ĠU L 157, 30.4.2004, p. 7–17; ir-Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 847/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn Stati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 195, 02.06.2004, p. 3–6)

[8] Id-Deċiżjoni (UE) 2020/854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 li l-Italja tingħata s-setgħa li tinnegozja u tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ matul il-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi, *ĠU L 198, 22.6.2020, p. 47–48*

[9] Id-Deċiżjoni (EU) 2020/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 li l-Ġermanja tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi, *ĠU L 198, 22.6.2020, p. 44–46.*

multilateraliżmu u ma tipprevedix in-negozjar ta' ftehim bejn l-UE u l-Alġerija dwar dan is-suġġett, hija awtorizzazzjoni lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija.

- **Għażla tal-istrument**

L-għoti ta' setgħa skont l-Artikolu 2(1) TFUE għandu jingħata mill-leġiżlatur tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 81(3) TFUE. L-att propost, fin-natura tiegħu bħala għoti ta' setgħa individwali, għandu jiġi adottat b'rispons għal talba korrispondenti magħmula minn Franza. Għalhekk, għandu jieħu l-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil Franza. Konsegwentement, id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tirrappreżenta strument adegwat biex tingħata s-setgħa lil Franza, f'konformità mal-Artikolu 2(1) TFUE, li taġixxi f'din il-materja.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba minn Franza u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Huwa previst li jiġi segwit mill-qrib l-iżvilupp tan-negozjati bejn Franza u l-Alġerija sabiex il-ftehim finali jkollu impatt minimu fuq l-acquis. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tipparteċipa bħala osservatur fin-negozjati u għandha tinżamm infurmata dwar il-progress u r-riżultati matul l-istadji differenti tan-negozjati. Franza u l-Kummissjoni se jirrapportaw lill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili kif xieraq. Mad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandhom jinħarġu xi direttivi ta' negozjati.

2023/0027 (CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tal-liġi tal-familja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2016, Franza talbet lill-Kummissjoni biex tkun awtorizzata tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija f'materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. L-għan kien li jiġu mmodernizzati u kkonsolidati t-tliet ftehimiet bilaterali eżistenti tal-1962, tal-1964 u tal-1980 attwalment fis-seħħ.

(2) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li għandha interess speċifiku li tinnegozja l-abbozz ta' ftehim mibgħut lill-Kummissjoni, minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-Alġerija.

(3) B'mod partikolari, Franza pprovdiet *data* dwar l-għadd kbir ta' ċittadini Alġerini li jirrisjedu fit-territorju tagħha u ta' ċittadini Franċiżi li jgħixu fl-Alġerija u dwar l-importanza speċifika tal-iskambji kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi.

(4) Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Alġerija huma bbażati fuq il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Alġerina Demokratika u tal-Poplu, min-naħa l-oħra[11], li daħal fis-seħħ fl-2005. Dan jikkostitwixxi l-qafas legali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet f'materji ekonomiċi, kummerċjali, politiċi, soċjali u kulturali.

(5) L-Artikolu 85 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jistipula li l-kooperazzjoni fl-oqsma legali u ġudizzjarji hija essenzjali u aġġunt neċessarju mal-forom l-oħra ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija u li tali kooperazzjoni jaf tkun tinkludi, fejn xieraq, in-negozjar ta' ftehimiet f'dawn l-oqsma.

(6) Ir-relazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi f'materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali tiddependi fuq il-qafas legali żviluppat mill-Konferenza

[10] ĠU C , , p. .

[11] Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Alġerina Demokratika u tal-Poplu, min-naħa l-oħra, ĠU L 265, 10.10.2005, p. 1–228

tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, f'konformità mal-prinċipju tal-multilateraliżmu. Madankollu, l-Alġerija mhijiex Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u sa issa rrifjutat li taderixxi mal-Konvenzjonijiet ewlenin tagħha.

(7) Minkejja dan, l-abbozz ta' ftehim jidher li huwa fil-biċċa l-kbira ispirat mis-sistema stabbilita mill-Konvenzjonijiet tal-Aja u mil-leġiżlazzjoni tal-UE adottata dwar l-istess materji.

(8) Il-biċċa l-kbira tal-materji li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis tal-UE, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE li tikkonċerna materji tal-liġi tal-familja. Konsegwentement, il-materji koperti minn tali impenji internazzjonali jaqgħu fi ħdan il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw tali impenji, jew jidħlu għalihom, biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni biex jagħmlu dan f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) flimkien mal-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 81(3) TFUE.

(9) Minħabba l-kompetenza tal-UE fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-materji, Franza għandha tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar it-tmexxija tan-negozjati. Kemm Franza kif ukoll il-Kummissjoni se jżommu lill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili infurmat dwar l-iżviluppi fuq bażi regolari.

(10) Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-ftehim futur neċessarjament se jaffettwa lill-acquis b'mod negattiv. Madankollu, jixraq li jiġu previsti direttivi ta' negozjati li jiżguraw li jiġi minimizzat ir-riskju ta' tali effetti negattivi.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'dan Franza tingħata s-setgħa li tinnegozja ftehim mal-Alġerija dwar materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili relatati mal-liġi tal-familja, dment li jiġu segwiti l-linji gwida ta' negozjar li ġejjin:

– tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni Ewropea se tieħu sehem fin-negozjati bħala osservatur u se tiġi infurmata dwar kwalunkwe progress u riżultat miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;

– tħeġġeġ lill-Alġerija tikkunsidra l-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw materji tal-liġi tal-familja żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u tibda analiżi serja tar-raġunijiet li żammew lill-Alġerija milli tagħmel dan għalissa;

– tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negozjati, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ma l-Partijiet jitħallew jikkonkludu l-ftehim;

– tinforma lill-Alġerija li l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, jaf tkun tipprevedi li l-ftehim ikollu validità limitata fiż-żmien (pereżempju, ħames snin) u jaf ikollu jiġi kkunsidrat mill-ġdid wara dan iż-żmien;

– iddaħħal dispożizzjoni li tgħid li d-deċiżjonijiet rikonoxxuti fi Franza skont dan il-ftehim ma jistgħux sussegwentement jiċċirkolaw fi Stati Membri oħra tal-UE;

– tiżgura li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw id-dritt li tiġi rrifjutata n-notifika ta' dokumenti jkunu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament riformulat dwar in-Notifika ta' Dokumenti, li jfisser li d-destinatarju jista' jirrifjuta n-notifika ta' dokumenti fil-ħin tan-notifika jew inkella fi żmien ġimagħtejn minn meta ssir in-notifika;

– tinforma lill-Alġerija li, skont l-iżvilupp tan-negozjati, jistgħu jkunu meħtieġa direttivi oħra ta' negozjati fi żmien dovut.

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Franza għandha tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar il-passi meħuda skont din id-Deċiżjoni u tikkonsultaha fuq bażi regolari.

Kull meta l-Kummissjoni titlobha, Franza għandha tirrapportalha bil-miktub dwar it-tmexxija u l-eżitu tan-negozjati.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ f'[…] jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*